

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8429 — BNP Paribas/Caisse des Depots et Consignations/Societe Générale/Euronext/  
Euroclear/S2IEM/CACEIS/JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 179/07)

1. Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha BNP Paribas Securities Services ("BP2S", Franza), CACEIS Investor Services ("CACEIS", Franza), Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza), Euroclear SA/NV ("ESA", ir-Renju Unit), Euronext NV ("Euronext", in-Netherlands), S2IEM — Société d'Investissements en Infrastructures Européennes de Marchés ("S2IEM", Franza) u Société Générale SA ("Société Générale", Franza), jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta (joint venture, JV) li għadha kif inħolqot fi Franza (il-"JV").
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - BP2S: sussidjarja ta' BNP Paribas SA (kumpanija prinċipali tal-BNP Paribas Group) bbażata fi Franza li tipprovdi servizzi ta' kustodja u ta' amministrazzjoni għall-assi tal-klijenti tal-BNP Paribas Group.
  - CACEIS Investor Services: sussidjarja bbażata fi Franza ta' Crédit Agricole Group li tipprovdi eżekuzzjoni, ikklerjar, kustodja u soluzzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' fondi għall-investituri istituzzjonali, il-banek, is-sensara u l-kumpaniji.
  - Caisse des Dépôts et Consignations: investitur istituzzjonali regolat Franċiż, attiv f'attivitajiet ta' servizz pubbliku u ta' interess ġenerali u f'attivitajiet kummerċjali f'suq miftuħ kompetittiv bħal pereżempju fil-proprjetà u l-ambjent.
  - Euroclear SA/NV ("ESA"): sussidjarja ta' Euroclear plc li tikkontrolla l-entitajiet operattivi ta' Euroclear inklużi d-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli u Euroclear Bank, fornitur internazzjonali ċentrali tas-sigurtà li jipprovdu kustodja, saldu u servizzi relatati għal titoli domestiċi u internazzjonali, li jinkludu bonds, ekwitajiet u fondi ta' investment.
  - Euronext N.V.: il-kumpanija prinċipali tal-Euronext Group, kumpanija pubblika Olandiża b'sussidjarji fil-Belġju, Franza, in-Netherlands, il-Portugall u r-Renju Unit attiva fil-borża, fin-negozjar fi flus kontanti, kummerċ fid-derivattivi, dejta tas-suq u l-indiċi u soluzzjonijiet ta' wara l-kummerċ u tas-suq fis-swieq domestiċi tagħha.
  - S2IEM: fond ta' investment alternattiv irreġistrat skont il-liġi Franċiża u veikola Sicav ġestita minn OFI Asset Management.
  - Société Générale: il-kumpanija prinċipali ta' Société Générale Group, li hija istituzzjoni finanzjarja attiva f'operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur fi Franza u kemm internazzjonalment, servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni internazzjonali, u servizzi bankarji korporattivi u ta' investment.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(<sup>2</sup>) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8429 — BNP Paribas/Caisse des Depots et Consignations/Societe Générale/Euronext/Euroclear/S2IEM/CACEIS/JV, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---